**5 ta' Marzu, 1992**

**Imħallef: –**

**Onor. Victor Caruana Colombo LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Saviour Falzon u Carmel *sive* Charles Mugliett

**Użu ta' Kliem Projbit – Disprezz lejn l-Awtorità tal-Qorti – Rimedju tal-Kanċellazzjoni tal-Kliem**

*F'dan il-każ il-Qorti ordnat il-kanċellament mir-rikors tal-kliem oġġezzjonabbli.*

Il-Qorti: –

Rat it-talba ta' l-Avukat Dottor Silvio Camilleri, verbalizzata fl-udjenza tat-13 ta' Frar, 1992, biex jiġi ordnat l-isfilz mir-rikors ta' l-appell ta' Charles Mugliett tas-segwenti kliem:

"Apparti l-fatt li dik il-Qorti donnha kienet taf kif kienet ser tiddeċidi qabel il-produzzjoni ta' dawn il-'prorogi' "

li jinsabu fil-versi 7, 8 u 9 tal-paragrafu 9(a) ta' dak ir-rikors, u tal-kliem:

"ġaladarba l-Ewwel Qorti riedet issib lill-esponent appellant ħati",

li jinsabu fil-versi 2 u 3 tal-paragrafu 9(d) *ta' l-istess rikors;*

Billi dan il-kliem jirriferixxi għall-Qorti tal-Maġistrati (Malta) li ppronunzjat is-sentenza appellata, u jimplika li dik il-Qorti kienet deċiża li ssib lill-appellant ħati kif sabitu, sa minn qabel ma l-proċess kien kompletament istruwiet, ċjoè fi kliem ieħor li dik il-Qorti kienet ippreġudikata kontra l-appellant;

U billi l-istess kliem huwa ovvjament oġġezzjonabbli fit-termini ta' l-artikolu 994 tal-Kapitolu 12 tal-liġijiet, magħmul applikabbli għall-proċediment odjern bl-artikolu 686 tal-Kapitolu 9;

U billi l-persuna li ppreżentat ir-rikors imsemmi, li jikkontjeni l-kliem oġġezzjonabbli in kwistjoni, u li ffirmat l-istess rikors kienet l-Avukat Dottor Stefan Frendo;

U billi l-Qorti hija sodisfatta bl-assikurazzjoni ta' Dottor Frendo, rreġistrata fl-udjenza msemmija, li l-kliem *de quo* ma kien bl-ebda mod intiż biex jitfa' dell ikrah fuq l-ewwel Qorti, u wkoll bl-apoloġija tiegħu għal kwalunkwe malintiż li seta' kien hemm;

U billi l-infrazzjoni in kwistjoni tista' tiġi rrimedjata b'mod xieraq bil-kanċellament mir-rikors tal-kliem oġġezzjonabbli;

Rat l-artikoli 686 Kapitolu 9 u 994 Kapitolu 12;

Issib lill-Avukat Dottor Stefan Frendo ħati ta' disprezz lejn l-awtorità tal-Qorti u tikkundannah għall-piena ta' l-ammonizzjoni;

Inoltre tipprovdi fuq it-talba ta' Dottor Silvio Camilleri billi tordna lir-Reġistratur jikkanċella mir-rikors ta' l-appell il-kliem ċitat fl-ewwel paragrafu ta' dan id-digriet.